

Il-proġett *Language Buddy* – Nappoġġjaw it-tagħlim tal-lingwi għal tfal migranti u għal adulti żgħażagħ permezz ta' Language Buddy, li huwa proġett tal-Kummissjoni Ewropea kkofinanzjat mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (2021-2027), se jindirizza l-kwistjoni tat-tagħlim tal-lingwi b'mod konsistenti u olistiku f'dawn il-pajjiżi sħab: il-Greċja, l-Awstrija, l-Italja, Spanja, il-Portugall, Malta, ir-Rumanija u l-Bulgarija.

L-għan tal-proġett *Language Buddy* huwa li jtejjeb kif studenti refuġjati jew li ġejjin minn familji migranti bejn l-etajiet ta' 12 u 17 jitgħallmu l-lingwi permezz ta' tagħlim mhux formali u informali. Dan permezz tat-titjib fil-prattiċi tal-mentoring u l-implimentazzjoni ta' *Buddy System*.

Minbarra li joffri appoġġ lingwistiku, din il-*Buddy System* se tippermetti 'l-istudenti biex jifhmu aħjar il-kultura u s-sistema edukattiva tas-soċjetà f'ambjent sikur fejn il-kultura tagħhom ukoll tingħata valur. Din is-sistema tista' wkoll tħeġġeġ l-istudenti biex ikomplu l-istudji tagħhom. Fl-istess ħin, din is-sistema se tgħin 'l-istudenti ta' Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Għolja biex jiżviluppaw il-ħiliet interkulturali tagħhom u b'dan il-mod, tgħinhom biex iżidu l-għarfien tagħhom u jippreparahom biex jaħdmu f'ambjenti multikulturali u edukattivi.

Il-proġett se jdum 30 xahar (mill-1 ta' Marzu 2024 sal-31 ta' Awwissu 2026).

## Attivitajiet

Il-punt ta' tluq tal-proġett huwa l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiċi għall-mentoring u għall-inizjattivi tas-sistemi tat-tqabbil ma' *Buddy*, workshops fejn iż-żewġ partijiet jaħdmu flimkien, u workshops ta' tagħlim bejn il-pari. Dawn l-attivitajiet iwasslu għall-*Language Buddy Model*, liema mudell se jiġi applikat permezz tat-twaqqif ta' *Language Buddy Systems* f'Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Għolja, l-iżvilupp ta' kors online u ta' e-platform, kif ukoll permezz tat-taħriġ transnazzjonali u nazzjonali tal-istudenti. Il-mentor se j/tiġi allokat/a student/i li jeħtieġu t-taħriġ u flimkien jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' *Buddies* ta' bejn 4 u 6 xhur. Wara li jkunu lestew dawn is-sessjonijiet, ikunu lestew il-*Language Buddy Model*. Se jsiru wkoll diskussjonijiet diġitali fuq livell nazzjonali mal-partijiet interessati ewlenin li se jagħtu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Dawn se jwasslu għal Rapport ikkontestwalizzat b'Rakkomandazzjonijiet dwar il-Politika għal kull pajjiż. Dan ir-rapport għandu jintuża biex il-*Language Buddy Model* jiġi integrat fuq livell nazzjonali.

## Il-gruppi fil-mira

**Fuq livell nazzjonali:** studenti migranti; studenti universitarji; organizzazzjonijiet tal-migranti; skejjel, universitajiet u organizzazzjonijiet edukattivi; istituzzjonijiet lokali u reġjonali.

**Fuq livell tal-UE:** partijiet interessati u min ifassal il-politika fuq livell tal-UE; organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE; organizzazzjonijiet edukattivi tal-UE.

Co-funded by the European Union

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or the European Education and Culture Executive Agency (EACEA). Neither the European Union nor EACEA can be held responsible for them. GA Number: 101141117




## Il-Pilastri

| | |
|---|---|
| **PILASTRU 1**<br>It-titjib ta' sistemi tal-allokazzjoni ta' Buddies u ta'sistemi ta' mentoring b'aspett ta' tagħlim tal-lingwa għal żgħażagħ minn familji migranti | **PILASTRU 2**<br>L-iżvilupp tal-ħiliet tal-istudenti fl-Edukazzjoni Għolja fir-rigward ta' metodoloġiji dwar it-tagħlim innovattiv, il-pedagoġija interkulturali u l-iżvilupp tal-lingwa |
| • Reviżjoni tal-aħjar prattiċi eżistenti u tal-għodda effettivi<br>• Il-formazzjoni bejn żewġ partijiet tal-*Language Buddy Model*<br>• L-iżvilupp tal-*Language Buddy Model* | • It-twaqqif tas-sistema ta' *Language Buddy* f'Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Għolja<br>• L-iżvilupp ta' kors online għal studenti f'Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Għolja<br>• Workshop transnazzjonali għat-taħriġ ta' min iħarreġ il- *Language Buddies*<br>• Taħriġ għal studenti ta' Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Għolja |
| **PILASTRU 3**<br>It-titjib tal-aċċess għal opportunitajiet mhux formali/ informali ta' tagħlim tal-lingwi għal żgħażagħ li ġejjin minn familji migranti | **PILASTRU 4**<br>It-titjib fil-kooperazzjoni bejn Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja, organizzazzjonijiet immexxija minn migranti, skejjel, NGOs, awtoritajiet lokali/reġjonali tal-edukazzjoni għall-appoġġ tat-tagħlim tal-lingwi għal migranti żgħażagħ |

- Il-Pilotaġġ tas-Sistema tal-*Language Buddy* għal studenti li ġejjin minn familji migranti
- L-evalwazzjoni tal-piloti u l-iżvilupp tal-*Language Buddy Model* 2.0
- Rakkomandazzjonijiet ta' politika għall-integrazzjoni tal-*Language Buddy Model*

## Msieħba

Il-Konsorzju li huwa mmexxi mill-Università tal-Maċedonja, jikkonsisti minn 16-il organizzazzjoni, 8 organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, 7 universitajiet, direttorat wieħed għall-edukazzjoni, u se jseħħ fi 8 pajjiżi Ewropej: il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, Spanja, il-Portugall, Malta u l-Awstrija.

University of Macedonia (Lead partner) (EL), Symplexis (EL), Periferiaki Diefthinsi Protovathmias And Defterov (EL), Universidade Catolica Portuguesa (PT), Casa Do Professor (PT), BildungsLAB - Hands&Minds Learningcenter (AT), Sdruzhenie Multi Kulti Kolektiv (BG), Migrant Integration Center Brasov (Asociatia Romana Pentru Promovareacalitatii Si Practicilor De Succes) (RO), Cospe (IT), Solidarity And Overseas Service Malta (SOS Malta) (MT), AEA Ltd (MT), Universitatea Transilvania Din Brasov (RO), University Of National And World Economy (BG), Peñascal S.Coop. (ES), Università Degli Studi Di Firenze (IT), UPV Universidad Del Pais Vasco/ Euskal Herriko Unibertsitatea (ES)